MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 1026/2007

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited
vs
MCRM Caterers Limited u Mario Scerri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta’ Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limted li bih eccepiet:

Illi l-initmati flimkien u solidament bejniethom xtraw merkanzija minghand is-socjeta` rikorrenti, li da parti taghha ikkonsenjat l-istess lill-intimati;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal sittax-il elf tliet mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm16,331.56);

Illi dan id-debitu ilu dovut, u ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex ihallsu, l-intimati baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-intimati huma flimkien u solidament bejniethom debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-imsemmija somma ta' sittax-il elf tliet mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm16,331.56);

Illi, dan id-debitu ta' l-intimati fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta` rikorrenti tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa mar-rikors, u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu;

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimati debituri solidali tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' sittax-il elf tliet mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm16,331.56);

2. Tikkundanna lill-istess intimati sabiex ihallsu flimkien u solidament bejniethom lis-socjeta` rikorrenti l-imsemmija somma ta' sittax-il elf tliet mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm16,331.56);

3. Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tat-trattazzjoni a bazi ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali mid-data tal-konsenja, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid ipprezentati kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ipprezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat li l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma dehrux ghas-seduti u anqas deher hadd ghalihom.

Xehed Dr. Simon Galea Testaferrata u ikkonferma li mid-data minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat ma sar ebda hlas.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tittratta dan il-kaz bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikoli 167 ***et*** tal-Kap 12 qed tilqa' t-talbiet rikorrenti filwaqt li tiddikjara lill-intimati debituri solidali tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' €38042.30 [ekwivalenti ghal sittax-il elf tliet mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm16,331.56)].

Tikkundanna lill-istess intimati sabiex ihallsu flimkien u solidament bejniethom lis-socjeta` rikorrenti l-imsemmija somma ta' ekwivalwenti ghal €38042.30 [ekwivalenti ghal sittax-il elf tliet mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm16,331.56].

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------